PDF Compressor Pro





# Jum iċ-Ċelebrazzjoni fil-Kulleġġ t'Għawdex Skola Primarja Rabat

Fil-Kulleġġ t'Għawdex Skola Primarja Rabat ġie organizzat Jum iċ-Ċelebrazzjoni. It-tfal ġew ippremjati għall-ħiliet tagħhom. It-tfal tal-*Year 4* ħadu sehem f'mima dwar taqbiliet u logħob ta' dari.

L-istudenti tal-*Year 5* kantaw kanzunetti Maltin u żifnu għall-mużika tal-Profs. Charles Camilleri. Il-programm kien jinkludi *photostory* u diskorsi minn Ms. Anita Sciberras, Kap tal-Iskola, Chev. Frank Gatt il-Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex u mill-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono.

Il-programm kien possibli għall-ħidma sfiqa tal-*istaff* kollu, b'mod partikulari ta' George Mizzi, għalliem tad-drama u Ms. Mariella Spiteri għalliema tal-mużika.

*Ritratti:*
*Mima: Taqbiliet u Logħob ta' Dari, mtella' mill-istudenti ta' Year 4.1 u 4.2*







*Studenti ta' Year 6.1 u 6.2 ikantaw l-innijiet tal-Kulleġġ u dak tal-Iskola*

# Il-*Victoria Scout Group* hu l-grupp tal-President ta' Malta għas-sena 2010

Il-Victoria Scout Group ħa sehem fil-parata annwali tal-i*Scouts* u l-*Girl Guides* ta' Malta li saret fil-Belt Valletta nhar il-Ħadd 11 ta' April. Il-parata ta' din is-sena kienet iktar speċjali għall-membri ta' dan il-*Group*. Fi tmiem tagħha, il-membri kollha flimkien ma' xi membri tal-Kunsill kellhom laqgħa mal-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu. Dr. George Abela fil-Palazz il-Belt. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm ukoll iċ-*Chief Scout* Kenneth De Martino, iċ-*Chief Commissioner* Leslie Bonnici u s-Segretarju tal- Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* f'Malta, Robert Gonzi.

Waqt l-attivitajiet tal-iStrina li saru f'Diċembru 2009, kienu diversi l-i*Scout Groups* li laqgħu t-talba tal-President ta' Malta u taw sehemhom fil-ġbir ta' fondi għall- skopijiet filantropiċi. Kumitat imwaqqaf apposta mill-Assoċjazzjoni tal-i*Scouts* f'Malta għażel lill-*Victoria Scout Group* bħala l-*Group* li ħareġ bl-iktar idea oriġinali għal din l-attività. Dan il-Group kien bena pont (bl-injam u bil-ħbula) minn tarf għall-ieħor ta' Pjazza It-Tokk, fir-Rabat, kif ukoll torri fl-istess pjazza. In-nies li qasmu minn fuq il-pont u telgħu fuq it-torri taw donazzjoni li marret għall-fondi tal-iStrina. Kumbinazzjoni il-*Victoria Scout Group* kien ukoll dak il-group tal-i*Scouts* li l-aktar li ġabar flus - 4606 Euro. Il-*Victoria Scout Group* kien għalhekk iddikjarat il-*President's Group* għas-sena 2010.

Il-President ta' Malta laqa' lill-*Group* fil-Palazz u feraħilhom talunur li huma kisbu iktar kmieni din is-sena. Hu ppreżenta tifkira talfidda lill-*Group Scout Leader* Lorrie Saliba. Fuq din it-tifkira hemm imnaqqxa l-arma ta' Malta u l-firma tal-President. Wara ittieħed ritratt tal-okkażjoni.



*Il-Victoria Scout Group flimkien mal-President ta' Malta*

**MINN GĦAWDEX** *ma'* **Charles Spiteri**





*Waqt it-tnedija tal-pubblikazzjoni dwar il-Folklor fil-Gżejjer Maltin, fis-Sala tas-Sentinella, fiċ-Ċittadella.*

# Pubblikazzjoni dwar il-folklor fil-Gżejjer Maltin

*Folklore in the Maltese Islands* hija pubblikazzjoni ġdida fuq inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Qala li titratta il-folklor fil-Gżejjer Maltin. Il-ktieb, li l-editur tiegħu huwa Euchar Mizzi, ġie ippubblikat bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, Chris Said.

Il-pubblikazzjoni hija *follow up* tal-konferenza internazzjonali dwar il-folklor li saret fis-sena 2009, bħala parti mir-raba' edizzjoni tal-Festival Internazjonali tal-Folklor organizzat mill-Kunsill Lokali tal-Qala. Għal din il-konferenza kienu attendew aktar minn 100 persuna, fosthom 90 minn barra minn Malta. Matul din il-konferenza ġew preżentati studji minn studjużi ewlenin fis-suġġett, jiġifieri Charles Coleiro, Anton F. Attard u Joe Zammit Ciantar.

Chris Said qal li l-Gvern jappoġġja inizjattivi bħal dawn għax jemmen bis-sħiħ li l-folklor huwa l-mera tal-identità tagħna u l-identità hija attrazzjoni prinċipali fil-lokalitajiet. Is-Segretarju Parlamentari ħabbar li f'Settembru li ġej se jerġa' jsir il-Festival Internazzjonali tal-Folklor fil-Qala u għal darba oħra s-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali se jgħin finanzjarjament fl-organizzazzjoni tal-festival. Huwa qal ukoll li l-konferenza nazzjonali ta' din is-sena se titratta is-snajja' f'Malta u Għawdex u hekk il-Kunsill Lokali se jkun qed jesponi fuq livell internazzjonali aspett ieħor importanti tal-identità tagħna.

Biex ikompli jikkumplimenta dawn l-inizjattivi, il-Kunsill Lokali tal-Qala qed jaħdem biex iwaqqaf mużew tal-folklor biex iservi ta' vetrina ta' dak li jagħmilna dak li aħna. Dr Said qal li l-Gvern diġà ta s-sit tal-Mużew b'devoluzzjoni lill-Kunsill Lokali filwaqt li se jkompli jgħin finanzjarjament biex dan il-proġett isir realtà.



*Il-Pubblikazzjoni Folklore in the Maltese Islands*